MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 807/2004

**Edwin u Jacqueline konjugi Ebejer**

**vs**

**Jan Sammut**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:

Ili l-istanti huma proprjetarji tal-fond 73, 'Gardenia', Triq Claire Engel, San Giljan li jmiss mal-fond 77, 'Mount Pleasant', Triq Claire Engel, San Giljan, possedut mill-konvenut;

Illi fis-sular tal-bejt, l-konvenut kkostruwixxa railing tal-injam fil-hajt divizorju flok hajt ghodli ta' metru u tmenin centimetru mill-livell tal-bejt u dana bi ksur tal-Art 425 u 427 (1) tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat jottempera ruhhu mal-Ligi baqa inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi ddikjarat u deciz minn din il-Qorti illi l-kostruzzjoni tar-railing tal-injam fil-fond 77, Triq Claire Engel, San Giljan da parti tal-konvenut minflok hajt gholi 1m80cm sar bi ksur tal-Art 425 u 427(1) tal-Kodici Civili u ghaliex m'ghandux jigi kkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti, jirrimwovi r-railing tal-injam u jibni minfloku hajt sal-gholi kontemplat mill-Ligi. F' kaz illi t-terminu prefiss mill-Qorti jghaddi inutilement, illi l-atturi jigu awtorizzati jghamlu l-imsemmija xogholijiet huma a spejjez tal-konvenut taht id-direzzjoni ta' perit nominandi;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri interpellatorji tal-21 ta' Gunju u 17 ta' Settembru, 2004 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tl-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontrihom stante lif il-proprjeta' tieghu l-eccipjent ma ghamel xejn li jmur kontra d-disposizzjonijiet tal-Art 425 u 427 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Gunju 2005 li bih gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Godwin Abela bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat ir-rapport tal-abbli perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kjors tas-seduta tas-16 ta’ Frar 2006;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha ceda l-meritu tal-kawza stante illi fil-mori tal-kawza l-konvenut wettaq ix-xogholijiet mitluba fic-citazzjoni, filwaqt illi zamm ferm l-kap tal-ispejjez;

Ikkonsidrat:

In vista tal-imsemmija nota tal-attur tat-23 ta’ Ottubru 2006 jifdal biss li jigi deciz il-kap tal-ispejjez;

Din il-kawza qed issir sabiex jigi ddikjarat li l-kostruzzjoni tar-railing tal-injam fil-fond 77, Triq Claire Engel, San Giljan da parti tal-konvenut sar bi ksur tal-Art 425 u 427(1) tal-Kodici Civili u sabiex il-konvenut jigi kkundannat jirrimwovi l-istess r-railing u jibni minfloku hajt sal-gholi kontemplat mill-Ligi;

Fir-rapport tieghu l-abbli perit tekniku kkonkluda li l-partition tal-injam li ghamel il-konvenut ma’ tikkostitwix hajt u ghandha tigi konsiderata bhala oggett temporanju. Ikkonkluda ukoll li l-istess partition qeghda bi ksur tal-Art 425 u 427 (1) tal-Kap 16 tal-ligijiet ta’ Malta u ghalhekk ghandha titnehha u minflok jinbena hajt tal-gebel tal-istess wisgha’ tal-hajt divizorju li hemm b’gholi ta’ wiehed punt tmienja metri mill-livell tal-art tat-terazzin tal-konvenut;

Ghalhekk jirrizulta li t-talbiet attrici kienu gustifikati u konsegwentement l-ispejjez ghadhom jigu sopportati mill-konvenut;

Ghal dawn il-motivi :

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu stante cessjoni u tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjes billi tordna li lk-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------